MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 364/2003

**Mario Azzopardi**

**vs**

**Samweli Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm401.56) rappresentanti danni subiti minnu f'incident stradali li sehh f'Bormla fit-2 ta' Ottubru 2002 bejn xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY 363 misjuqa mill-konvenut u SKODA bin-numru ta' registrazzjoni KAG 083 misjuqa mill-attur ghal liema incident kien responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 ta' konsult u dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ai termini

tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax min-notifika ta’l-avviz kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fis-6 ta’ Marzu 2003 fejn gie ecceppit:
1. L-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut, izda unikament bi htija ta’l-attur innifsu.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu igib il-porva tad-danni pretizi minnu.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tad-danni.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti, ta’ William Bantick, ex PS1354 Edward Grixti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mill-verzjoni moghtija kemm mill-attur kif ukoll mix-xhud okulari William Bantick li kien qieghed isuq ezatt wara il-vettura ta’l-attur jidher illi huma kienu qed isuqu fi Triq San Pawl, direzzjoni lejn Bormla, meta x-xarabank li kienet hierga minn St. Francis Street fuq in-naha tal-lemin taghhom, baqghet hierga bejn il-vettura ta’l-attur u ta’ dan Bantick, bil-konsegwenza illi haxxknet mal-genb tal-vettura misjuqa mill-attur. Kemm l-attur kif ukoll Bantick jikkontendu illi fil-mument li sehh l-incident huma kienu weqfin fit-traffiku u dana peress illi dak il-hin kien hemm kongestjoni fil-*flow of traffic* minhabba l-fatt li kienu ghadhom kemm spiccaw mix-xoghol il-haddiema tad-Dockyard.

Illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut ma taqbel f’xejn ma dik ta’l-attur u tax-xhieda prodotti minnu. Huwa jikkontendi illi kien niezel Triq San Frangisk sabiex idur ghal Triq San Pawl. Fix-xarabank misjuqa minnu kien hemm anke xi passiggieri bil-wieqfa. Huwa ma jaqbilx illi l-vettura ta’l-

attur kienet wieqfa fit-*traffic jam*, izda jallega illi din baqghet hierga mill-i*stop sign* li kien hemm iktar ‘il fuq u baqghet diehla fil-parti ta’l-istaffa tax-xarabank hekk kif kien ser jilwi.

Illi it-Tribunal iqies ix-xhieda moghtija mill-konvenut bhala wahda inverosimili, iktar u iktar meta ighid illi vetturi ohra fit-triq apparti dik ta’l-attur u ohra li skorrietu ftit qabel ma sehh l-impatt, ma kienx hemm fil-mument li sehhet il-kollizzjoni. Lanqas ma jista’ jitwemmen meta donnu jallega illi l-attur baqa’ hiereg minn fuq *stop sign* li fil-fatt tinstab hafna iktar ’il fuq. Illi kemm mill-iskizz tal-pulizija (Dokument MA1), kif ukoll mir-ritratti esebiti mill-attur (Dokumenti EG 1 sa EG3), jidher car illi l-vettura ta’l-attur kienet lahhqet qabbzet St. Francis Street u ghalhekk l-i*stop sign* li hemm iktar ‘il fuq fi Triq San Pawl, meta sehhet il-kollizzjoni. Dana jikkonfermah ukoll Edward Grixti li kien is-surgent tal-pulizija li investiga dan l-incident.

Illi ghalhekk jidher illi s-sewwieq tax-xarabank li kien niezel minn St. Francis Street u ra it-traffiku wieqaf ipprova jipponta sabiex johrog minn din it-triq minghajr ma waqaf u stenna sakemm it-triq kienet libera sabiex johrog, izda ma ikkalkulax tajjeb il-wiesgha tat-triq bejnu u bejn il-vettura ta’l-attur meta gie sabiex jilwi biex b’hekk haxxken mal-genb tal-vettura ta’l-attur li dak il-hin kienet wieqfa fit-traffiku. Illi ghalhekk il-kawza prossima ta’ dan l-incident kienet il-kalkolazzjoni hazina li ghamel is-sewwieq tax-xarabank meta intenta johrog minn St. Francis Street. Di piu’ kif gie gustament ritenut f’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, f’kawza fl-ismijiet Brian R. Mizzi et.noe. vs John Ciappara (26.03.2003):
“Huwa ovvju li meta t-triq tkun ghan-nizla u jkun hemm liwja, l-attenzjoni tas-sewwieq u il-grad ta’ prudenza li ghandu juza, ghandha tkun akbar, *multo magis* meta ikun qieghed isuq vettura li tkun ta’ dimensjoni kbira u mghobbija bit-toqol.”

Illi ghalhekk kienet responsabbilta’ tal-konvenut illi kien qieghed isuq vettura ta’ certu kobor u bil-passiggieri rekbin sahansitra bil-wieqfa illi izomm a *proper lookout* u

ma jintentax jaghmel manuvri azzardanti meta kien qieghed isuq f’nizla u iktar u iktar meta l-vettura minnu misjuqa ser taqbad liwja fit-triq fejn kien hemm traffiku ghaddej. Il-konvenut ma messu qatt qabad u hareg minghajr ma qies illi l-manuvra li ser jaghmel ma hijiex ta’ perikolu ghalih u ghal passiggieri rekbin fix-xarabank misjuqa minnu u ghal utenti l-ohra tat-triq.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u ghalhekk it-Tribunal sejjer jistrieh fuq id-dokumenti esebiti mill-attur in sostenn ta’l-istess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, u ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati minnu, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mija u lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm401.56), bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Frar 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------